MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 258/2003

**Leisure Support Services Ltd.**

**vs**

**Alfur Ltd. (li tiggestixxi d-ditta Magi Arredamenti)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Jannar, 2003 fejn intalab il-hlas ta' mitt lira Maltin (Lm100) rapprezentanti bilanc minn somma akbar dovut ghal servizzi ta' 'advertising' prestati mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta in konnessjoni mad-ditta 'Magi Arredamenti'.**
**Bl-imghax legali u bl-ispejjez kollha kontra l-istess socjeta' konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta pprezentat mis-socjeta' konvenuta fit-18 ta' Frar, 2003 fejn intqal illi:**

**It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li s-socjeta’ konvenuta m’ghandhiex taghti s-somma ta’ Lm100 rapprezentanti hlas ta’ advertising.**
**Illi ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhon jigu michuda bl-ispejjez kontriha.**

**Ra l-affidavits ta’ Massimo Ellul, Clint Bajjada. Semgha x-xhieda ta’ Godwin Friggieri u ta’ l-istess Clint Bajjada. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Illi skond ma xehed Massimo Ellul is-socjeta’ attrici kienet tat servizzi ta’ reklamar lis-socjeta’ konvenuta in konnessjoni mad-ditta Magi Arredamenti. Dana skond ma jirrizulta mid-dokument esebit a fol 20 tal-process datat 16 ta’ Marzu, 2002, kif ukoll id-dokument a fol 21 tal-process datat 22 ta’ Mejju, 2002.**
**2. Clint Bajjada li kien *trainee executive* mas-socjeta’ attrici fis-settur ta’ l-*accounts* jikkonferma l-kuntratti li saru ghar-reklamar mas-socjeta’ konvenuta. L-istess Clint Bajjada kien wiehed mill-prezentaturi fil-programm televiziv Chiara and Friends imxandar fuq l-istazzjon televiziv Super One. Hu jikkonferma li fil-kors tal-programm ixxandru reklami tas-socjeta’ konvenuta. L-istess Bajjada kien lacunuz fir-rigward ta’ kif kienu jsiru l-pagamenti.**
**3. Godwin Friggieri Direttur tas-socjeta’ konvenuta jghid illi biex isiru r-reklami ried li jidher hu fil-programm u nghata x’jifhem li l-programm huwa tas-socjeta’ konvenuta. Huwa jammetti li ffirma l-kuntratti esebiti a fol 20 u 21 tal-process, pero’ skond hu ma kienux baghtu ghalih ghal diversi programmi u ghalhekk ikkontesta maghhom l-ammont mitlub. Skond l-istess xhud kien jinfurmahom ghal dawk l-okkazzjonijiet li ma kienx sejjer u r-reklam kien johrog xorta u jghidulu jhallas tieghu. Il-konvenut ighid illi f’tali cirkostanza, ladarba ma jkunx prezenti hu ma kienx hemm ftehim li johrog ir-reklam.**
**4. Pero’ skond Bajjada l-konvenut ippretenda illi l-mitt lira (Lm100) jinghatawlu bhala skont.**

**5. Fi programmi televizivi hu mportanti illi jkun hemm ftehim kemm jista' jkun li jkopri dawk l-eventwalitajiet li jista' jinqalghu. Il-kuntratt rigwardanti s-servizzi moghtija mis-socjeta' attrici ma jindikawx illi l-konvenut Godwin Friggieri kellu jkun prezenti pero' jindikaw il-prodott li qed jigi reklamat, il-programm li fih ser isir ir-reklam, meta jibda u meta jispicca r-reklamar, fuq liema mezz tax-xandir ser jintwera, n-numru ta' programmi li ser jintwera u l-*airtime* moghti, kif ukoll ir-rati tal-hlas.**

**6. It-Tribunal jista' jifhem lill-konvenut in kwantu dana ppretenda li jkun prezenti meta johrog ir-reklam partikolari tieghu. F'dan is-sens is-socjeta' attrici kellha wkoll evidenza illi dana xtaq li jkun prezenti fil-programm u fil-fatt hekk gara hlief ghal xi okkazzjonijiet.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, it-Tribunal qed jifhem illi z-zewg partijiet kellhom ftit ta' tort ghal dak illi gara. Ma kienx il-ko-ordinazzjoni necessarja ghal dan il-programm. Konsegwentement it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici limitament fis-somma ta' hamsin lira (Lm50.00) u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici l-imsemmija somma ta' hamsin lira (Lm50.00). Bl-imghax legali dekorribbli millum.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jibghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------